L-Onor. Godfrey Farrugia MP, jipproponi:

Illi l-Ministru Konrad Mizzi, instab permezz ta’ rapporti tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia u l-investigazzjoni gurnalistika maghrufa bhala Panama Papers, li kellu mwaqqaf taht kontrol u potenzjalment a beneficcju ahhari tieghu u ta’ madwaru trust fi New Zealand li kienet tikontrolla kumpanija Panamena Hearnville Inc.;

Illi l-Ministru Konrad Mizzi ikkonferma l-ezistenza ta’ din l-istruttura finanzjarja sigrieta hu stess;

Illi gie stabbilit li din l-istruttura finanzjarja sigrieta twaqqfet waqt li dan il-Ministru kien politikament responsabbli mill-energija u specifikament mill-progett tal-power station gdida tal-gass go Delimara;

Illi korrispondenza ppubblikata mill-konsorzju gurnalistiku Daphne Project turi kif f’dikjarazzjonijiet maghmula f’isem il-Ministru Konrad Mizzi, l-kumpanija registrata Dubai bl-isem ta’ 17 Black Limited giet identifikata bhala ‘target client’ ta’ Heanrville Inc., flimkien ma’ kumpanija ohra registrata Dubai, Macbridge Limited;

Illi l-istess konsorzju gurnalistiku Daphne Project identifika l-kumpanija 17 Black Limited bhala propjeta’ ta’ Yorgen Fenech, CEO tal-grupp impreditorjali Tumas Group, liema grupp impreditorjali hu membru tal-konsorzju Electrogas, li nghata l-appalt sabiex jibni u jopera s-sit tal-power station tal-gass il-gdida ta’ Delimara ghal 18-il sena;

Illi ghalhekk iqumu dubji kbar dwar kemm in-negozjati tal-kuntratt ghall-bini u l-operat tal-power station tal-gass ta’ Delimara saru b’mod hieles, trasparenti u skont il-ligi u hemm dubji kbar ta’ korruzzjoni f’dan il-progett u hasil ta’ flus;

Illi gie konfermat li hemm investigazzjonijiet taħt il-Kodiċi Kriminali, inkluż investigazzjoni maġisterjali, dwar il-fatti ta’ 17 Black;

Illi l-aġir tal-Ministru Konrad Mizzi hu skorrett;

Illi bl-aġir tiegħu, il-Ministru Konrad Mizzi żeblaħ isem il-pajjiż, saħansitra bħala ġurisdizzjoni rrispettata li tipprovdi servizzi finanzjarja ta’ livell għoli;

Illi huwa fl-interess nazzjonali li kull Ministru jkun ta’ eżempju għall-poplu li jservi u jerfa’ responsabbiltà ta’ għemilu;

Għaldaqstant din il-Kamra tirrisolvi li m’għandhiex fiduċja fil-Ministru Konrad Mizzi; Tirrisolvi li din id-deċiżjoni tkun komunikata lill-President ta’ Malta.